

31995R0693

31.3.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 71/52

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 693/95
tat-30 ta' Marzu 1995**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1756/93 li jistabbilixxi il-fatti operattivi għar-rata agrikola tal-kambju
li tapplika għall-ħalib u għall-prodotti mill-ħalib**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 Diċembru 1992 dwar l-unità tal-kontijiet u r-rati tal-kambju li jridu jiġu applikati għall-finijiet tal-politika komuni agrikola ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 150/95 ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi l-għan tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1756/93 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 267/95 ⁽⁴⁾, huwa preċisament li jiffissa r-rata agrikola tal-kambju li trid tiġi applikata għall-ammonti kollha ffixxati fl-ecu fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 685/69 ta' l-14 ta' April 1969 dwar regoli ddettaljati sabiex jiġu applikati għall-intervent fis-suq tal-butir u

tal-krema ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 393/94 ⁽⁶⁾, huwa mħassar u mibdul bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 454/95 ⁽⁷⁾; billi, għalhekk, ir-referenzi fl-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1756/93 għandhom jiġu emendati;

Billi d-dispożizzjonijiet dwar il-validità tal-fattura tal-għajnuna stabbiliti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81 tal-31 ta' Lulju 1981 dwar il-konċessjoni tal-għajnuna għax-xiri tal-butir minn istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li jaħdmu bla qligħ ⁽⁸⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 455/95 ⁽⁹⁾; billi l-okkażjoni operattiva li għandha x'taqsam ma' dan għandha għalhekk tiġi aġġustata;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Ħalib u tal-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1756/93 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. Il-punt 1 tal-Parti B. I jiġi mibdul b'dan li ġej:

Ir-Regolament	L-Ammonti interessati	Ir-Rata agrikola tal-kambju litrid tiġi applikata
"1. (KE) Nru 454/95	Il-prezz ta' l-intervent	Ir-rata agrikola tal-kambjuapplikat tax-xiri tal-ħażna fid-data tat- teħid fl-intervent"

2. Il-punt 1 tal-Parti B. III jiġi mibdul b'dan li ġej:

Ir-Regolament	L-Ammonti interessati	Ir-Rata agrikola tal-kambju li trid tiġi applikata
"1. (KEE) Nru 2191/81	Il-għajnuna għax-xiri 2 (1)	Ir-rata agrikola tal-kambju tal-butir mill-istitutuzz- li tapplika fl-ewwel jum ta' jonijiet u l-organizzazz- l-ewwel xahar li għalih applika azzjonijiet ta' mingħajr l-fattura tal-kunsinna riferitaqlighriferiti fl-Artikolu fl-Artikolu 3"

⁽¹⁾ ĠU L 387, ta' l-31.12.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 22, ta' l-31.1.1995, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 161, ta' l-2.7.1993, p. 48.

⁽⁴⁾ ĠU L 31, ta' l-10.2.1995, p. 6.

⁽⁵⁾ ĠU L 90, ta' l-15.4.1969, p. 12.

⁽⁶⁾ ĠU L 53, ta' l-24.2.1994, p. 11.

⁽⁷⁾ ĠU L 46, ta' l-1.3.1995, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 20.

⁽⁹⁾ ĠU L 46, ta' l-1.3.1995, p. 31.

3. Il-punt 2 tal-Parti D jiġi mibdul b'dan li ġej:

Ir-Regolament	L-Ammonti interessati	Ir-rata agrikola tal-kambju li trid tiġi applikata
"2. (KE) Nru 454/95	A. L-ispejjeż tal-ħażna L-Artikolu 5(3)	Ir-rata agrikola tal-kambju li riferiti fil-punti a u b tat- tapplika fid-data tat-teħid għall-tieni subparagrafu ta' l- ħażna fit-tifsira ta' l-Artikolu 5(1)
	B. L-ispejjeż addizzjo- 7 (2) tifsira ta' l-Artikolu	Ir-rata agrikola tal-kambju li nali riferiti fl-Artikolu tapplika fid-data tat-teħid fit- 5(1)"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Marzu 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni